Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,836, 7 ta' Settembru, 1999
Taqsima B

A.L. 155 ta' l-1999

ATT TA' L-1994 DWAR IL-KUMMERĊ BANKARJU (ATT NRU. XV TA' L-1994)

Regolamenti ta' l-1999 dwar il-Pieni għal Reati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikoli (5), (6) u (7) ta' l-artikolu 35 ta' l-Att ta' l-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju, il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti:-

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1999 dwar il-Pieni għal Reati. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra – Tifsir.

"Att" tfisser l-Att ta' l-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju;

"Awtorità Kompetenti" tfisser dak il-korp maħtur taħt is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att;

"Direttiva Bankarja" tfisser kull direttiva maħruġa mill-Awtorità Kompetenti taħt is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att;

"Tribunal għal Servizzi Finanzjarji" tfisser it-Tribunal għal Servizzi Finanzjari mwaqqaf taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 ta' l-Att.

3. (1) Kull min jinsab ħati talli jkun kiser xi dispożizzjoni ta' l-Att li tidher fl-ewwel kolonna ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jista' jeħel il-ħlas tal-multa korrispondenti stabbilita fit-tieni kolonna ta' l-imsemmija Skeda jew iż-żmien ta' priġunerija korrispondenti stabbilit fit-tielet kolonna ta' l-istess Skeda jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien. Pieni.

(2) Meta persuna tonqos milli tħares xi dispożizzjoni ta' l-Att li tidher fl-ewwel kolonna tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-

regolamenti u li tkun tikkonsisti fl-att jew fl-ommissjoni korrispondenti kif deskritti fit-tieni kolonna ta' l-istess Skeda, l-Awtorità Kompetenti tista' timponi bħala piena amministrattiva l-ammont korrispondenti kif jidher fit-tielet kolonna ta' dik l-Iskeda.

Appell quddiem it-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji.

4. (1) Kull persuna tista' tappella quddiem it-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji minn kull deċiżjoni ta' l-Awtorità Kompetenti li tkun timponi fuqha piena amministrattiva skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2) tar-regolament 3 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (3) ta' dan ir-regolament, id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 10 ta' l-Att għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal kull appell li jsir taħt dan ir-regolament.

(3) Kull appell taħt dan ir-regolament għandu f'kull każ jissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li tkun qegħda tiġi appellata u d-deċiżjoni tat-Tribunal għal Servizzi Finanzjarji dwar kull appell bħal dak tkun waħda finali.

L-EWWEL SKEDA

Regolament 3 (1)

Pieni li jiġu inflitti wara prosekuzzjoni quddiem il-qrati ta' Malta

L-Ewwel Kolonna **Dispożizzjoni**	**It-Tieni Kolonna** **Multa**	**It-Tielet Kolonna** **Priġunerija**
35 (1)	mhux inqas minn Lm 1,000 iżda mhux iżjed minn Lm 250,000	mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sentejn
35 (3) (a) b'riferenza għal 5 (l)	mhux inqas minn Lm 5,000 iżda mhux iżjed minn Lm 500,000	mhux inqas minn sena iżda mhux iżjed minn sentejn
35 (3) (a) b'riferenza għal 8 jew għal 11 (2)	mhux iżjed minn Lm 1,000	mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn tliet xhur
35 (3) (a) b'riferenza għal 12	mhux iżjed minn Lm 2,500	mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn tliet xhur
35 (3) (a) b'riferenza għal 13	mhux iżjed minn Lm 5,000	mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn tliet xhur
35 (3) (a) b'riferenza għal 21	mhux inqas minn Lm 1,000 iżda mhux iżjed minn Lm 10,000	mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn sitt xhur
35 (3) (a) b'riferenza għal kull nuqqas taħt 22 (7)	mhux inqas minn Lm 100 iżda mhux iżjed minn Lm 1,000	mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn tliet xhur
35 (3) (a) b'riferenza għal 23 (4)	mhux inqas minn Lm 1,000 iżda mhux iżjed minn Lm 10,000	mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn sitt xhur

L-Ewwel Kolonna Dispożizzjoni	It-Tieni Kolonna Multa	It-Tielet Kolonna Priġunerija
35 (3) (a) b'riferenza għal 24	mhux inqas minn Lm 100 iżda mhux iżjed minn Lm 10,000	mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn sentejn
35 (3) (a) b'riferenza għal 28 (a)	mhux inqas minn Lm 10,000 iżda mhux iżjed minn Lm 300,000	mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn sentejn
35 (3) (a) b'riferenza għal 33	mhux inqas minn Lm 500 iżda mhux iżjed minn Lm 10,000	mhux iżjed minn tliet xhur
35 (3) (a) b'riferenza għal 34 (2)	mhux inqas minn Lm 500 iżda mhux iżjed minn Lm 10,000	mhux iżjed minn sena
35 (3) (d)	mhux inqas minn Lm 500 iżda mhux iżjed minn Lm 5,000	mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn tliet xhur
35 (3) (e)	mhux inqas minn Lm 500 iżda mhux iżjed minn Lm 5,000	mhux inqas minn xahar iżda mhux iżjed minn tliet xhur
35 (3) (f)	mhux inqas minn Lm 100 iżda mhux iżjed minn Lm 10,000	mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn sentejn.

IT-TIENI SKEDA

Regolament 3 (2)

Pieni amministrattivi li jisgħu jiġu inflitti mill-Awtorità Kompetenti mingħajr il-ħtieġa li jsir smigħ fil-qorti

L-Ewwel Kolonna Dispożizzjoni	It-Tieni Kolonna Att jew Ommissjoni	It-Tielet Kolonna Penali
35 (3) (a) b'riferenza għal 5 (3)	nuqqas ta' ħlas ta' dritt għal licenza	Lm 25 kuljum
35 (3) (a) b'riferenza għal 7 (2) proviso (b)	nuqqas tal-fondi ta' bank stess li jiksbu l-livell preskritt fil-perijodu stabbilit mill-Awtorità Kompetenti	Lm 100 kuljum
35 (3) (a) b'riferenza għal 8 (2) (a)	nuqqas ta' notifika lill-Awtorità Kompetenti b'kull bidla proposta fl-isem ta' l-uffiċċju rappreżentattiv	Lm 20 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas
35 (3) (a) b'riferenza għal 8 (2) (b)	nuqqas ta' notifika lill-Awtorità Kompetenti b'kull bidla fil-liċenza	Lm 20 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas
35 (3) (a) b'riferenza għal 11 (1)	nuqqas ta' tagħrif lill-Awtorità Kompetenti bil-ftuħ ta' fergħa, aġenzija jew uffiċċju ġodda f'Malta	Lm 250
35 (3) (a) b'riferenza għal 14 (2) jew 14 (3)	nuqqas ta' notifika lill-Awtorità Kompetenti bil-partikolaritajiet jew bl-informazzjoni meħtieġa	Lm 250 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas
35 (3) (a) b'riferenza għal 15	għal transazzjonijiet projbiti li bank m'għandux jagħmel	Lm 100 għal kull jum li matulu tkompli t-transazzjoni

L-Ewwel Kolonna Dispożizzjoni	It-Tieni Kolonna Att jew Ommissjoni	It-Tielet Kolonna Penali
35 (3) (a) b'riferenza għal 17 (1) (c)	nuqqas ta' għoti ta' avviż lill-Awtorità Kompetenti malli proporzjon jaqa' taħt il-livell meħtieġ	Lm 100 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas
35 (3) (a) b'riferenza għal 17 (1) (c)	nuqqas li proporzjon jinġieb lura għal-livell meħtieġ fiż-żmien stabbilit mill-Awtorità Kompetenti	Lm 100 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas
35 (3) (a) b'riferenza għal 18	nuqqas ta' ħarsien tal-ħtiġiet ta' l-inqas proporzjon ta' likwidità	Lm 100 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas
35 (3) (a) b'riferenza għal 20 (8)	nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni jew dokumenti kif meħtieġ mill-Awtorità Kompetenti fiż-żmien speċifikat	Lm 10 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas
35 (3) (a) b'riferenza għal 31 (1)	nuqqas ta' nomina ta' uditur	Lm 5,000
35 (3) (a) b'riferenza għal 31 (6)	nuqqas ta' għoti ta' avviż kif meħtieġ	Lm 5,000
35 (3) (a) b'riferenza għal 31 (7)	nuqqas li bank jibdel l-udituri	Lm 5,000
35 (3) (a) b'riferenza għal 32	funzjonarju skwalifikat li jaġixxi jew ikompli jaġixxi bħala funzjonarju ta' bank	Lm 1,000 għal kull jum li matulu jkompli dak l-aġir

L-Ewwel Kolonna Dispożizzjoni	It-Tieni Kolonna Att jew Ommissjoni	It-Tielet Kolonna Penali
35 (3) (a) (b) b'riferenza għal 19	nuqqas li bank jissottometti lill-Awtorità Kompetenti reżokontijiet jew informazzjoni kif preskritt b'Direttiva Bankarja	Lm 300 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas
35 (3) (a) (b) b'riferenza għal 20 (1) (2)	nuqqas li bank jissottometti informazzjoni jew li jagħmel kjarifika dwar informazzjoni sottomessa kif meħtieġ mill-Awtorità Kompetenti jew mill-Bank Ċentrali	Lm 300 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas
35 (3) (a) (b) b'riferenza għal 30	nuqqas li bank jibgħat lill-Awtorità Kompetenti u/jew lill-Bank Ċentrali, jew jippubblika, jew jesponi kopja tar-reżokontijiet finanzjarji	Lm 25 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas
35 (3) (c) b'riferenza għal 8 (3) (4)	nuqqas li bank ma jieqafx milli jkompli juża l-isem li l-Awtorità Kompetenti tkun oġġezzjonat għalih relattivament għal attivitajiet immexxija f'Malta	Lm 100
35 (3) (c) b'riferenza għal 8 (6)	nuqqas li bank jipprovdi fil-perijodu speċifikat informazzjoni jew dokumenti meħtieġa mill-Awtorità Kompetenti	Lm 100
35 (3) (c) b'riferenza għal 9	nuqqas ta' tħaris tal-kondizzjonijiet jew restrizzjonijiet ta' liċenza	Lm 100 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas
35 (3) (c) b'riferenza għal 20 (3)(4)(5)(6)	nuqqas ta' ħarsien ta' avviz minn għand jew ħtiega ta' l-Awtorità Kompetenti għal produzzjoni ta' rapport, dokument jew informazzjoni specifikati	Lm 5,000 u Lm 50 għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas.